MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 317/2014/1

**Dolores K/A**

**Doreen Vella (ID 8068G)**

**vs**

**Peter Paul Vella (ID15667G)**

**F'ismu propju u Blue Apple**

**Co. Ltd (C-33389/1),**

**Native Ltd (C-30373/1) u**

**F.O.D. Limited (C-30371/1)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' Doreen Vella tal-24 ta' Frar, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi 1-esponenti ghandu interess li jitharsu 1-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi 1-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm 1-intimat milli l-ishma tas-socjetajiet intimati Blue Apple Co. Ltd (C-33389/1), native Limited (C-30373/1) u F.O.D. Limited (C-30371/1) u l-istess intimat Peter Paul Vella (ID 15667G) f'ismu propju kif ukoll biex izomm l-istess intimati milli jittrasferixxi, bi kwalunque mod, bi kwalunque titolu oneruz jew gratwitu, l-assi immobbli ta' l-istess socjetajiet u intimati;*

*Illi l-partijiet ser jibdew proceduri ta' separazzjoni;*

*Illi l-ishma fl-istess socjetajiet jappartjenu lill-kommunjoni ta' l-akkwisti;*

*Illi l-esponent ghandha suspett illi l-intimat zewgha ser jittrasferixxi l-istess ishma fis-socjetajiet imsemmija fil-futur qarib, kif ukoll l-assi immobbli ta' l-istess socjetajiet bl-ghan li jonqsu mis-sehem tal-esponent fil-komunjoni tal-akkwisti u ghaldqstant kellu jinhareg dan il-mandat.*

*Illi l-esponenti se jigi pregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Hamis 6 ta' Marzu 2014 fid-9:20am.

Rat illi l-atti tar-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-**risposta guramentata** tas-socjeta intimata Blue Apple Co Ltd tal-5 ta'Marzu 2014 li taqra hekk:

1. *"ILLI preliminarjament l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din 1-Onorabbli Qorti stante li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li l-istess talba hija rigwardanti kommunjoni tal-akkwisti;*

2. *ILLI l-esponenti jiddikjara li huwa personali m'ghandu ebda ishma f'ismu fis-socjeta' de quo noncio li huwa direttur stante li l-ishma kollha jappartjenu lil socjeta terza kif jirrizu1ta mill-kopja tal-Memorandum of Association hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';*
3. *ILLI l-esponent noe jikkunsidra l-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju bhala vessatorju u ghaldaqstant is-socjeta' de quo ghadha tigi kkumpensata ghal dan in-nuqqas hekk kif ikkuntemplat bil-ligi.*

*GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti qua direttur tas-socjeta' de quo umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tillibera lis-socjeta' Blue Apple Co Ltd mill-osservanza tal-gudizzju a spejjez tar-rikorrent Doreen Vella.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-**risposta guramentata** tas-socjeta intimata Native Limited tal-5 ta'Marzu 2014 li taqra hekk:

1. *"ILLI preliminarjament l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din 1-Onorabbli Qorti stante li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li l-istess talba hija rigwardanti kommunjoni tal-akkwisti;*

2. *ILLI l-esponenti jispjega illi f'ismu personali hemm mitejn u hamsin [250] sehem fil-kumpanija de quo, min-numru ta' ishma ikbar li jappartjenu lil terzi;*

3. *ILLI bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti Doreen Vella, li hija martu fiz-zwieg, huwa ben assordat fil-gurisprudenza nostrana li Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju m'ghandux ikun intavolat a bazi ta' "suspett" kif huwa appuntu kontemplat sahansitra bil-gurament fir-rikors promotur taghha u bil-wicc tost kollu tippretendi illi din l-Onorabbli Qorti ghandha takkorda t-talbiet taghha odjerni;*

4. *Illi l-esponenti noe jsostni illi n-negozju gestit mis-socjeta' de quo m'ghandux jigi mfixkel minn talba fiergha u maghmula minn persuna a bazi ta' sempliciment suspetti stante l-fatt li suspetti ma jistghu qatt iwasslu ghall-konvinzjoni legali ta' prima facie li hija marbuta biha din l-Onorabbli Qorti.*

*GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex il-Mandat ta'Inibizzjoni de quo jigi michud.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-**risposta guramentata** tas-socjeta intimata F.O.D. Limited tal-5 ta'Marzu 2014 li taqra hekk:

1. *"ILLI preliminarjament l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din 1-Onorabbli Qorti stante li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li l-istess talba hija rigwardanti kommunjoni tal-akkwisti;*

2. *ILLI l-esponenti jispjega illi f'ismu personali hemm hamsa u ghoxrin elf [25,000] sehem f'ismu fil-kumpanija de quo;*

3. *ILLI bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti Doreen Vella, li hija martu fiz-zwieg, huwa ben assordat fil-gurisprudenza nostrana li Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju m'ghandux ikun intavolat a bazi ta' "suspett" kif huwa appuntu kontemplat sahansitra bil-gurament fir-rikors promotur taghha u bil-wicc tost kollu tippretendi illi din l-Onorabbli Qorti ghandha takkorda t-talbiet taghha odjerni;*

4. *Illi l-esponenti noe jsostni illi n-negozju gestit mis-socjeta' de quo m'ghandux jigi mfixkel minn talba fiergha u maghmula minn persuna a bazi ta' sempliciment suspetti stante l-fatt li suspetti ma jistghu qatt iwasslu ghall-konvizjoni legali ta' prima facie li hija marbuta biha din l-Onorabbli Qorti.*

*GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex il-Mandat ta'Inibizzjoni de quo jigi michud.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-**risposta guramentata** tas-socjeta intimata Peter Paul Vella tal-Karta tal-Identita Numru 15667(G) tal-5 ta'Marzu 2014 li taqra hekk:

1. *"ILLI preliminarjament l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din 1-Onorabbli Qorti stante li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li l-istess talba hija rigwardanti kommunjoni tal-akkwisti;*

2. *ILLI bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti Doreen Vella, li hija martu fiz-zwieg, huwa ben assordat fil-gurisprudenza nostrana li Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju m'ghandux ikun intavolat a bazi ta' "suspett" kif huwa appuntu kontemplat sahansitra bil-gurament fir-rikors promotur taghha u bil-wicc tost kollu tippretendi illi din l-Onorabbli Qorti ghandha takkorda t-talbiet taghha odjerni;*

3. *Illi wkoll u bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti martu Doreen Vella, l-esponenti jemmen illi dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kien instigat b'vendikazzjoni da parti taghha fil-konfront tieghu biex b'xi mod ikun kostrett jaccetta kwalsiasi proposti li l-istess rikorrenti ghad trid tiddettalu in konnessjoni mal-proceduri ta' separazzjoni personali li semmiet fir-rikors promotur u li sal-lum jirrizultaw li ghandhom mhux intavolati agir da parti tar-rikorrenti martu illi se mai manifestament juri li ma tiddejjaq xejn taghmel uzu, ossia tabbuza minn proceduri gudizzjarji biex tipprova tilhaq l-iskop taghha 'l boghod mill-forum tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);*

4. *ILL1 l-esponenti jsostni li r-rikorrenti ma tistax tibbaza t-talbiet taghha fuq semplicement suspett stante l-fatt li tali argument m'huwiex legalment sostenibbli aktar u aktar meta huwa ben stabbilit mill-Qrati nostani illi "bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-*

*ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak" hekk kif perezemju kien ribadit mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet John Mary Ciappara vs Sonia Ciappara Debattista deciza fit-13 ta' Luiju 2012 li appuntu kienet tittratta Mandat ta' Inibizzjoni bejn konjugi li kienu jinkludu wkoll socjeta' kummerjali, liema Qorti kienet cahdet il-Mandat ta' Inibizzjoni;*

5. *ILLI fil-fehma umli tal-esponenti, r-rikorrenti martu ma ressqet l-ebda argument, li normalment ikun imfittex minn din l-Onorabbli Qorti dwar kif id-drittijiet taghha jistghu fuq semplicement suspett ikunu pregudikati.*

*GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-Mandat ta'Inibizzjoni de quo jigi michud.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti;

Rat l-atti tal-mandat;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti Doreen Vella jirrizulta illi ser jigu ntavolati proceduri ta' separazzjoni bejnha u bejn ir-ragel taghha. Doreen Vella spjegat li bosta mill-proprjetajiet illi gew akkumulati fiz-zwieg qeghdin fuq il-kumpanijji Blue Apple Company Limited, Native Limited, u F.O.D. Limited; dawn jinkludu diversi hwienet, kif ukoll d-dhul ta' dawn il-hwienet. Is-*shareholders* ta' dawn il-kumpanijji huma zewgha Peter Paul Vella u Hugo Chetcuti, u Charles Scerri.

Gew ezebiti il-*Memorandum and Articles of Association* ta' F.O.D Limited Dok DV1 a fol. 40 et seq , l-*Memorandum and Articles of Association* ta' Native Limited Dok. DV2 a fol. 53 et seq. L-*Memorandum and Articles of Association* ta' Blue Apple Company Limited li tinsab a fol. 19 et seq. giet ezebita mill-intimati.

Doreen Vella fix-xhieda taghha sostniet illi hija kienet giet kostretta tintavola dawn il-proceduri sabiex tipprotegi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u sehem taghha mill-istess u dana in vista tat-tibdil fl-atitudini ta'zewgha Peter Paul Vella lejha, fis-sens li kien sar agressiv maghha u sahhansitra kissirla l-karozza taghha ghaliex ried illi l-affarijiet ikunu fil-pussess u kontroll tieghu. Doreen Vella xhedet illi zewgha kien qieghed f'relazzjoni ma mara ohra li minnha kellu tarbija. Vella xhedet li zewgha xtaq illi ma jitbiddilx l-istatus quo bejniethom, izda hija xtaqet is-separazzjoni.

Peter Paul Vella xhed illi l-aggressivita' msemmija minn martu kienet dwar karozza mixtrija fiz-zwieg li kienet f'ismu. Peter Paul Vella xhed illi kien kisser il-karozza proprjeta' tieghu 'l ghaliex sab lil terzi qeghdin isuquha, li allega li kien l-*boyfriend* ta' martu. Peter Paul Vella kkonferma illi din il-karozza kif ukoll il-kumpanijji indikati fir-rikors promotorju kienu mwaqqfa fiz-zwieg u li bejnu u martu kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti.

In kontro ezami Peter Paul Vella innega illi huwa qatt qal lil martu illi ma kienet ser tiehu xejn, fl-argumenti ricenti li kellu maghha.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun irrimedjabbli – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun waħda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug ta' l- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti sejra tezmina l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u cioe' l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' din il-Qorti . L-intimat Peter Paul Vella u s-socjetajiet intimati jsostnu illi l-Qrati ordinarji m'ghandhomx kompetenza sabiex jiehdu konjizzjoni tal-kaz odjern 'l ghaliex hija l-Qorti tal-Familja li hija mghonija b'din il-gurisdizzjoni.

Illi minn naha l-ohra l-attrici isostni illi minhabba li l-Inibizzjoni odjerna kienet tolqot z-zewg socjetajiet intimati u bl-aplikazzjoni tal-Artikolu 768 tal-Kapitolu 12, huma l-Qrati ordinarji illi huma mghonija b' din il-gurisdizzjoni.

Irid jinghad illi l-attrici fix-xhieda taghha, kif ukoll fir-rikors promotorju indikat lil Qorti illi **sejra tintavola kawza ta' separazzjoni personali kontra zewgha u li sal-ahhar seduta quddiem din il-Qorti tali proceduri kienu ghadhom ma gewx inizjati**.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tibda biex taghmel accenn ghall-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12 li jaghti indikazzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti. Dan l-Artikolu jaqra testwalment hekk:

> ***"876. (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali, <u>il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:</u>***
>
> ***(a) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ fejn ma tħallix lil dik il-parti l-oħra li tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti; jew***
>
> ***(b) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew***
>
> ***(ċ) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ milli tagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti.***

> ***(2) It-talba msemmija fis-subartikolu (1) tista' ssir f'kull żmien wara li r-rikors ikun ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili u sakemm tingħata s-sentenza finali għal dik l-azzjoni ta' separazzjoni jew divorzju. It-talba tista' wkoll issir fejn hi l-parti l-oħra li għamlet ir-rikors.***
>
> ***(3) Mandat maħruġ taħt dan l-artikolu ma japplikax għall-kostituzzjoni ta' xi jedd fuq, jew tneħħija jew trasferiment ta' xi beni li jsir fuq ordni tal-qorti.***
>
> ***(4) Meta l-mandat ikun notifikat kif imiss, kull obbligazzjoni msemmija fis-subartikolu (1)(ċ) li ssir wara din in-notifika minn dik il-parti fiż-żwieġ li kontra tagħha jkun inħareġ il-mandat favur il-persuna notifikata tkun nulla u mingħajr effett, u dan bla ħsara għal xi responsabbiltà għal xi disprezz għall-awtorità tal-qorti skont dan il-Kodiċi.***
>
> ***(5) Il-parti taż-żwieġ li kontra tagħha jinħareġ il-mandat kif ukoll kull soċjetà msemmija fil-mandat u kull persuna li turi interess jistgħu f'kull żmien b'rikors jitolbu lill-qorti biex tirrevoka jew tibdel il-mandat taħt dan l-artikolu."*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Illi it-test Ingliz jitkellem fuq il-konjugi li "***may request such Court***".

Il-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 768 illi jirrigwarda r-regoli dwar il-kompetenza meta uhud mill-konvenuti joghqodu f'Malta, waqt li uhud mill-konvenuti joghqodu Ghawdex. Jirrizulta illi ghalkemm Peter Paul Vella jirrisjedi f'Ghawdex, is-socjetajiet Blue Apple Company Limited, Native Limited u F.O.D. Limited ghandhom l-ufficcju registrat f'Malta.

**Ikkonsidrat:**

Illi meta wiehed jezamina l-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 768 tal-istess Kapitolu, wiehed ma jistax ma jasalx ghal konkluzjoni illi hija l-Qorti Civili Sezzjoni Familja li hija normalment, izda mhux esklussivament, tenuta skond il-ligi illi tiehu konjizzjoni tal-Mandat t'Inibizzjoni meta si tratta ta' konjugi li gia intavolaw proceduri ta' separazzjoni personali, jew qeghdin fil-process illi jaghmlu dan.

Dan huwa mfisser fil-kliem tal-ligi fuq citat "***Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet <u>jew tkun se tagħmel</u> quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali..."***

Illi l-Qrati taghna, pero' akkordaw il-protezzjoni lil mara mizzewga u akkordaw Mandat t-Inibizzjoni skond l-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12, fil-proceduri ta' Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet **Pauline Castillo vs Arthur Castillo, Vascas Enterprises Limited, Studio Ceramics and Jewellers Limited, Cava Company Limited u Guetta Ent Limited,** per **Onor. Imħallef T. Mallia** deciz fit-**18 ta' Settembru 2008**, u irritenew illi:

> ***"fil-fehma tal-Qorti il-procedura partikolari kontemplata fl-Artikolu 876 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta <u>ma teskludiex l-uzu, f'cirkostanzi differenti, tal-proceduri generali, kontemplata fl-Artikolu 873 tal-istess Kap.12,</u> aktar u aktar meta ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 876 ma jidhirx illi hemm obbligu fuq il-Qorti tas-smiegh kif kontemplat ghal kazijiet elenkati fl-Artikolu 873."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Dik il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 873 tal-Kap 12. akkordat lir-rikorrent ezekutanti l-inibizzjoni mitluba mhux biss ta' beni fl-isem l-intimat personalment imma wkoll fir-rigward ta' beni tas-socjetajiet intimati .

Fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li ***prima facie*** r-rikorrenti Doreen Vella ghandha l-jedd vantat minnha fit-talba promotorja u cioe' li tissalvagwarda l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, u dana sabiex ma jigux trasferiti jew sparpaljati l-assi tal-komunjoni fil-mori tal-proceduri ta' separazzjoni sas-sentenza finali. Jirrizulta inkontestat, anzi anki amess mill-istess Peter Paul Vella illi s-socjetatjiet indikati gew imwaqqfa **wara zwieg**, **u bejn il-kontendenti tezisti l-komunjoni tal-akkwisti.**

Ghaldaqstant jirrizulta illi *prima facie* Doreen Vella ghandha l-jedd minnha vantat fir-rikors promotorju.

Il-Qorti sejra biex tezamina kemm-il darba l-attrici ipprovatx illi l-Mandat t'Inibizzjoni huwa mehtieg sabiex jigu mharsa d-drittijiet vantata minnha.

Peter Paul Vella ecepixxa illi waqt illi huwa **ghandu hamsa u ghoxrin elf (25,000) ishma fis-socjeta' F.O.D. Limited,** huwa m'ghandux ishma fis-socjeta' Blue Apple Company Limited waqt li ghandu biss mitejn u hamsin (250) ishma fis-socjeta' Native Limited.

Din il-Qorti wara illi ezaminat il-*Memorandum and Articles of Association* esebiti **tgharaf illi is-socjeta' Blue Apple Company Limited tappartjeni lis-socjeta' F.O.D. Limited**, li fiha Peter Paul Vella ghandu hamsa u ghoxrin elf (25,000) ishma kif jidher minn fol. 21 waqt li l-intimat Peter Paul Vella huwa wkoll d-Direttur tal-istess kumpanija.

Din il-Qorti tifhem illi n-nuqqas ta’ hrug tal-Mandat t’Inibizzjoni mitlub jista’ jwassal ghal pregudizzju gravi u hsara rrimedjabbli ‘l ghaliex l-assi tal-komunjoni jistghu jigu ridotti ghax-xejn fil-mori tal-kawza ta’ separazzjoni sas-sentenza finali, bil-konsegwenza illi f’gheluq is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, sehem l-attrici tal-komunjoni tal-akkwisti jkun serjament zvalutat.

Ghalhekk, u ghal dawn il-mottivi il-Qorti tqis  illi gew sodisfatti ir-rekwizit taht l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta’Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimat u s-socjetajiet intimati, fis-sens li fil-konfront tal-intimat **Peter Paul Vella** u fil-konfront tas-socjetajiet **Blue Apple Co. Ltd (C-33389/1), Native Ltd (C-30373/1) u F.O.D. Limited (C-30371/1)** billi tinibihom milli jitrasferixxu l-ishma tas-socjetajiet intimati fuq imsemmija , kif ukoll biex izomm l-istess intimat  Peter Paul Vella ID 15667G f’ismu proprju u socjetajiet intimati  milli jitrasferixxu bi kwalunkwe mod, bi kwalunkwe titolu, onoruz jew gratwit,  l-assi immobbli ta’ l-istess socjetajiet u tal-intimat Peter Paul Vella.

Illi in oltre il-Qorti tordna illi dan id-digriet jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr. Pierre Attard, u dana ai termini ta 874 (3) u (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in oltre il-Qorti tordna illi dan id-digriet jigi notifikat lir-Registratur tal-Kumpaniji u dan ai termini tal-Artikolu 874 (6) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez  jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2014**

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------